# 21 SENA ILU R-RENDENTUR NIŻEL IL-BLATA L-BAJDA



*minn Joe C. Cordina*

Avveniment ieħor marbut mal-akkwata tal-Blata l-Bajda hu żgur il-pellegrinaġġ li jsir kull sena fil-Ħamrun fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bl-istatwa devota ta' Ġesù Redentur li jibda propju minn quddiem il-Kappella tal-Midalja Mirakoluża fil-bidu tal-Blata l-Bajda u jibqa' tiela' lejn il-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu. Filfatt ġeneralment lejliet il-pellegrinaġġ il-vara tar-Redentur titniżżel fuq trakk mill-Knisja ta' San Gejtanu sal-Blata l-Bajda fejn titqiegħed fil-Kappella tas-Soċjetà tal-MUŻEW sakemm l-għada toħroġ fil-pellegrinaġġ li llum sar parti mid-tradizzjonijiet Ħamruniżi.

Imma qabel ma beda jsir dan il-Pellegrinaġġ, din l-istatwa ta' Ġesù Redentur qatt ma kienet ħarġet mill-knisja f'purċissjoni. Kienet dejjem miżmuma b'għożża kbira mill-Ħamruniżi u dejjem kellhom devozzjoni kbira lejha. Għal jiem tal-Ġimgħa l-Kbira kienet tinħareġ min-niċċa u tintrama fuq bradella taħt waħda min-navi fejn kienet tiġi mdawra b'għadd kbir ta' fjuri u xemgħat. Għalhekk kien ilu jingħad u jinħass bħala xewqa ta' ħafna Ħamruniżi li din l-istatwa devota tar-Redentur tinħareġ mill-Knisja f'purċissjoni madwar it-toroq tal-Ħamrun. Ħafna kienu jirraġunaw li la fil-Ħamrun ma kellniex it-tradizzjoni ta' purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kif għandhom diversi postijiet oħra f'Malta, almenu jkollna s-sodisfazzjon li nieħdu sehem f'purċissjoni bil-vara meqjuma tar-Redentur fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Kellha tkun ittra lill-Kappillan Dun Pawl Camilleri fl-1995 li tat spinta biex tibda ssir din il-Purċissjoni. Dak iż-żmien kont membru tal-Kunsill Parrokkjali u niftakar li waqt seduta tal-Kunsill Parrokkjali, il-Kappillan Camilleri kien qalilna li kien irċieva ittra fejn individwu Ħamruniż kien ħa l-inizzjattiva u ssuġġerilu li jsir pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur. Niftakar li kulħadd kien qabel mal-idea u mill-ewwel bdejna niddiskutu l-format li kellu jieħu dan il-Pellegrinaġġ.

Niftakar li kien ġie deċiż li l-jum li fih kellu jibda jsir ikun l-Erbgħa lejliet Ħamis ix-Xirka. Kien ġie deċiż ukoll li l-Pellegrinaġġ kellu jibda minn ħdejn il-Kappella tal-M.U.S.E.U.M u jibqa' tiela' bil-pass il-pass sal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu u fih jieħdu sehem is-Soċjetajiet Mużikali tal-Parroċċa b'waħda minnhom iddoqq marċi funebri, kif ukoll l-Iscouts li kellhom joffru d-daqq tal-Bugles. Il-Baned kellhom jalternaw bejniethom min kien imissu jdoqq marċi funebri. Kellu jkun hemm ukoll *loudspeakers* li fuqhom jinstema' t-talb u kummentarju u kant. Dan kien il-format li ġie mwettaq meta l-Pellegrinaġġ sar għall-ewwel darba fl-Erbgħa tat-Tniebri nhar it-12 ta' April 1995. U dan kien il-format li baqa' jsir sallum bid-differenza li f'dan l-aħħar flok fil-ġurnata tal-Erbgħa beda jsir it-Tlieta.

Kien ġara li ftit wara li dan il-Pellegrinaġġ beda jsir l-Erbgħa, ir-Radju RTK kien beda jorganizza Via Sagra Nazzjonali u għalkemm kulħadd kien jaf li l-Erbgħa jsir il-Pellegrinaġġ fil-Ħamrun xorta ġiet magħżula l-ġurnata tal-Erbgħa biex fiha ssir il-Via Sagra, għalkemm ir-raġuni kienet tgħid li l-RTK messu għażel ġurnata oħra. Imma hawn Malta hekk kif wieħed jara li ħaġa qed tirnexxi, mill-ewwel jippruvaw jirkbu fuqha bit-taħwid u tfixkil li jista' jiġri. U għalhekk biex ma jkunx hemm taħwid il-Parroċċa San Gejtanu kienet iddeċidiet li tibdel il-ġurnata, mill-Erbgħa għat-Tlieta. Sa mill-ewwel darba li sar dan il-Pellegrinaġġ ġabar miegħu għadd kbir ta' nies mhux biss mill-Ħamrun imma minn Malta kollha u kompla jikber fil-popolarità sal-ġurnata tal-lum

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-istatwa, din hi xogħol artistiku magħmul mill-kartapesta imma mhux magħruf eżatt min għamilha u kif ġiet il-Ħamrun, tant li matul iż-żmien ma' din l-istatwa intrabtu bosta diċeriji u għidut. L-istoriku Pietru Pawl Castagna (1827-1907) jgħid li l-magħruf statwarju Carlo Darmanin għamel statwa tar-Redentur fil-kunvent ta' Ġieżu tal-Belt u Patri Ġorġ Xerri jgħid ukoll li din l-istatwa llum tinsab fil-Parroċċa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun. Fost dawn l-għidut u xniegħat jingħad li din kienet inxtrat mill-Ħamruniżi mingħand il-fratellanza tal-Kurċifiss tal-Belt. Jingħad ukoll li meta din l-istatwa kienet qed tingarr lejn il-Ħamrun, tal-Belt kien reġa' bdielhom u marru biex jeħduha lura imma l-anzjani Ħamruniżi jirrakkontaw b'ċertu fervur kif l-antenati Ħamruniżi kienu ġrew bil-vara sal-Blata l-Bajda u b'hekk din l-istatwa daħlet fil-Ħamrun.



*Dehra tal-istatwa tar-Redentur għaddejja għall-ewwel darba fi Triq il-Kbira fl-1995.*

Għal dawk li huma fatti storiċi, l-istoriċi Franġiskani Patri Ġorġ Xerri u Patri Ġorġ Aquilina kitbu fuq il-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Belt u waddbu ħafna dawl fuq dan ir-Redentur tant li jsemmu kif fis-26 ta' Diċembru 1894, ċertu Ġużeppi Dimech wera li kien lest li jagħmel vara oħra tar-Redentur għall-Knisja ta' Ġieżu tal-Belt, bil-kundizzjoni li jingħata dik li kellha l-fratellanza u li jista' jagħmel użu minnha. Il-Fratellanza tal-Kurċifiss qablet li jsir hekk bil-kundizzjoni li l-ġdid jingħoġob. Minn stħarriġ li sar ġie magħruf li Ġużeppi Dimech kien jaħdem ix-xatt flimkien ma' ħutu, Gejtu, Ġanni u Leli. Kienu jgħixu fil-parti ta' isfel ta' Strada Rjali l-Ħamrun, jiġifieri n-naħat ta' Strada San Tomaso, u kienu magħrufa bħala 'tal-Laġan'. Minħabba x-xogħol tagħhom ix-Xatt, kellhom ħafna kuntatti mal-Fratellanzi tal-Belt fosthom dik tal-Kurċifiss u tal-Irxoxt. Kienu wkoll reffiegħa ta' bosta vari fil-Belt. Biex huma rnexxielhom jiksbu din l-istatwa tar-Redentur huma kienu jiġbru l-flus mingħand il-ħaddiema u n-negozjanti tax-xatt.

Meta mbagħad din l-istatwa ġiet akkwistata u tqiegħdet fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun, il-qima lejn din ix-xbieha tar-Redentur malajr qabdet, tant li fl-1890 saritlu dijadema tal-fidda minn ċertu Tancred Caruana. Min-naħa tiegħu Ġużeppi Dimech għamel żmien twil jieħu ħsieb dan ir-Redentur, u sa wara l-gwerra l-familja Dimech baqgħet tieħu ħsieb din il-vara għażiża. Barra minn hekk dawn l-aħwa kellhom qima speċjali lejn il-Passjoni ta' Kristu tant li wieħed minnhom, Ġanni, ħadem u rsista biex saret il-Via Sagra li llum insibu fil-knisja ta' San Gejtanu. Wara li l-aħwa Dimech irtiraw, familja oħra Ħamruniża daħlet biex tkompli tkabbar u xxerred id-devozzjoni lejn din l-istatwa. Din kienet il-familja Sciberras magħrufa bħala taċ-'Ċakkar' jew 'ta' Indrijana' u li wkoll kienet taħdem ix-xatt. Permezz ta' din il-familja u tal-prokuraturi li ġew wara, jiġifieri Indri Mifsud u Dun Ġużepp Ellul, il-qima lejn din il-vara tar-Redentur baqgħet dejjem ħajja f'din il-Parroċċa.

Imma kif għidna iktar 'il fuq din id-devozzjoni baqgħet dejjem magħluqa bejn l-erba' ħitan tal-knisja ta' San Gejtanu u għalhekk meta ġriet l-aħbar li kien hemm il-ħsieb li l-istatwa għażiża u meqjuma tar-Redentur ser tinħareġ u tittellgħa f'pellegrinaġġ tul it-triq prinċipali tal-Ħamrun, mill-Blata l-Bajda sal-Knisja Parrokkjali, il-poplu Ħamruniż laqagħha b'ferħ u b'entużjażmu kbir. Ġew stampati powsters bix-xbieha tar-Redentur u saru diversi preparamenti. Peress li din il-vara kienet qatt ma ħarġet f'purċissjoni kien jinħtiġilha tiġi armata għall-okkażjoni u li kellha veru bżonn kien sett brazzi biex tkun imdawla kif ikunu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira f'postijiet oħra.

Dan ix-xogħol daħal għalih is-Sur Lawrence Mangion, bniedem tas-sengħa li ilu żmien jaħdem u jgħin f'armar li għandu x'jaqsam ma' oġġetti tal-landa jew żingu. Is-Sur Mangion dejjem ħadem minn qalbu u bosta huma l-Għaqdiet li huma rikonoxxenti lejh għall-affarijiet li għamlilhom, speċjalment fejn jidħlu emblemi ta' standardi. Hawn ta' min isemmi li din is-sengħa bħal tas-Sur Mangion hi waħda li ma tantx baqa' min jipprattikaha u dnub li l-awtoritajiet ma jeħdux ħsieb nies bħal dawn u jgħinuhom ħalli s-sengħa tagħhom ma tintilifx. Intant



*Dettal tar-Redentur meqjum fil-Parroċċa ta' San Gejtanu, l-Ħamrun.*

Lorry, għax hekk iħobb li jissejjaħ, daħal għal din il-biċċa xogħol b'ruħu u b'ġismu u għalkemm ma kienx baqa' wisq żmien, ħoloq malajr disinn, fassal il-pjanċi u fi żmien relattivament qasir ħadem sett brazzi l-ġmiel tagħhom. Dawn ġew ibbanjati u nxtraw shades addattati. Lorry għaddielhom id-dawl u malli dawn twaħħlu mal-bradella tar-Redentur, dawn tawha dehra tassew sabiħa. Kienet l-ewwel vara li qatt armajna fil-Ħamrun bħala vara tal-Ġimgħa l-Kbira u l-entużjażmu kien tassew kbir għax kien ilu jinħass il-bżonn li fil-Ħamrun issir xi manifestazzjoni fil-beraħ għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Kienet xewqa u għadha xewqa ta' bosta li xi darba t-triq prinċipali tal-Ħamrun, triq kbira u sabiħa li dejjem ippresstat ruħha sew għal manifestazzjonijiet kbar anke mhux reliġjużi, tilqa' fiha purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Intant lejliet dak l-ewwel Pellegrinaġġ il-vara tar-Redentur tniżżlet bi trakk għall-Kappella tal-M.U.S.E.U.M. fil-Blata l-Bajda u l-għada 12 ta' April 1995 għadd kbir ta' nies niżlu l-Blata l-Bajda. Fis-6.30 p.m. il-vara tar-Redentur inħarġet fuq l-ispalla għad-daqq tal-Bugles tal-Iscouts. Il-katuba tal-Banda San Gejtanu, li kienet qed iddoqq hi kif kien ġie miftiehem bejn iż-żewġ baned, tat is-sinjal għall-ewwel marċ. Il-Pellegrinaġġ kien beda u hekk kif jinqara f'ittra mibgħuta minn Victor Sacco lill-gazzetta Il-Ġens, '... it-triq prinċipali tal-Ħamrun, is-soltu miżgħuda bit-traffiku u dħaħen tal-karozzi, ġiet mibdula għal saghtejn sħaħ f'baħar ta' nies ta' kull età mixjin wara x-xbieha mirakoluża ta' Kristu Redentur li tinsab meqjuma b'tant għożża fil-Parroċċa tagħna ta' San Gejtanu.' Minn dakinhar għaddew wieħed u għoxrin sena u l-pellegrinaġġ sar magħruf u kompla jikber u issa hu stabbilit u mistenni mill-bosta devoti mxerrdin madwar il-pajjiż kollu.


**MARK SCHEMBRI & SONS LIMITED**

**Interior Finishing Contractors & Suppliers**

**Mark Schembri**
Managing Director

3, St. Venera Street,
Msida MSD 1907, Malta.

Tel: [+356] 2125 0112
Mob: [+356] 7940 0327
Fax: [+356] 2124 1629
e-mail: info@msa.com.mt

**WE SUPPLY AND INSTALL**

CARPETS
PARQUET FLOORS
SPORTS FLOORS
VINYL / RUBBER FLOORS
BATHROOM WALL / FLOOR VINYL
BATHROOM / KITCHEN DRAINS
FLOOR PREPARATION / SCREEDS
ENTRANCE DOOR MATTINGS
WALLPAPER
WHIPPING OF CARPETS
DRY CARPET CLEANING
UPHOLSTERY CLEANING